Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

3 ta' Frar, 1998

ATT Nru. II ta' l-1998

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 31.

2. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali

(a) l-artikolu kif inhu bħal issa għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1);

(b) fit-test Ingliż tas-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara t-tifsira ta' "the Board for the Professions Supplementary to Medicine" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "export", with its grammatical variations and cognate expressions, in relation to Malta, means to take or cause to be taken out of Malta in any manner whatsoever;

"import", with its grammatical variations and cognate expressions, in relation to Malta, means to bring or cause to be brought into Malta in any manner whatsoever;";

(ċ) fit-test Malti tas-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara t-tifsira ta' "il-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "esportazzjoni", bil-varjazzjonijiet grammatikali tagħha u bl-espressjonijiet imnisslin minnha, tfisser, rigward Malta, tieħu jew iġġiegħel li jittieħed barra minn Malta b'kull mod li jkun;

"importazzjoni", bil-varjazzjonijiet grammatikali tagħha u bl-espressjonijiet imnisslin minnha, tfisser, rigward Malta, iġġib jew iġġiegħel li jinġieb f'Malta b'kull mod li jkun;";

(d) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) F'din l-Ordinanza, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kull riferenza għal din l-Ordinanza għandha titqies li tinkludi riferenza għar-regoli jew regolamenti magħmulin taħtha.".

Emenda ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' b'regolamenti jemenda kull waħda mill-Iskedi msemmija f'dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 120A tal-liġi prinċipali.

4. L-artikolu 120A tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fis-seħħ f'dak il-post, jew" għandhom jidħlu l-kliem "fis-seħħ f'dak il-post, jew tassoċja ruħha ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex tagħmel tali reat,";

(b) fis-subartikolu (1A) tiegħu, minflok il-kliem "msemmija fil-paragrafu (f)" għandhom jidħlu l-kliem "msemmija fil-paragrafi (d) u (f)";

(ċ) minflok is-subartikolu (1B) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1B) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-

espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.";

(d) minnufih wara s-subartikolu (1B) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1C) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk timmanifattura, tittrasporta jew tqassam xi tagħmir jew materjali meta tkun taf li dawn ikunu sejrin jintużaw fi jew għall-produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u kull għemil projbit taħt dan is-subartikolu għandu għall-finijiet ta' din l-Ordinanza jitqies li jkun jikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza.

(1D) (a) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk tuża, tittrasferixxi l-pussess ta', tibgħat jew tikkonsenja lil xi persuna jew post, takkwista, tirċievi, iżżomm, tittrasporta, tittrasmetti, taltera, tiddisponi minn jew b'xi mod ieħor tinnegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u tkun taf jew ikollha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' —

(i) l-għemil ta' reat imsemmi fis-subartikoli (1) u (1C) ta' dan l-artikolu; jew

(ii) xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra minn dawn il-Gżejjer li jekk isir f'dawn il-Gżejjer ikun jikkostitwixxi reat taħt is-subartikoli (1) jew (1C) ta' dan l-artikolu.

(b) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat

ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ikun jinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

(1E) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk tbiegħ jew xort'oħra tittraffika f'sustanza
Kap. 101. msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, meta tkun taf jew ikollha suspett illi s-sustanza tkun sejra tintuża fi jew għall-produzzjoni ta' mediċina msemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; u t-tifsira ta' "jittraffika" fis-subartikolu (1B) għandha tapplika, *mutatis mutandis*, għal dan is-subartikolu.

(1F) Kull persuna li tinżel Malta u jkollha fil-pussess tagħha xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza tkun eżenti minn kull responsabbiltà kriminali jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1G) ta' dan l-artikolu.

(1G) Il-kundizzjonijiet li għalihom jagħmel riferenza s-subartikolu (1F) ta' dan l-artikolu huma dawn li ġejjin:

(a) il-persuna li jkollha l-pussess tal-mediċina ma tkunx ordinarjament residenti f'Malta u tkun ġiet minn xi post barra minn Malta;

(b) ma' l-ewwel opportunità wara li tinżel Malta dik il-persuna tikkonsenja l-mediċina msemmija lil uffiċjal tal-pulizija jew lil uffiċjal tad-dwana u tistqarr li l-istess mediċina kienet għall-użu personali esklussiv tagħha; u

(ċ) il-mediċina msemmija tkun fi kwantità tali u tkun fil-pussess ta' dik il-persuna taħt ċirkostanzi tali li raġonevolment iwasslu għall-inferenza li l-istess mediċina kienet destinata għall-użu personali esklussiv ta' dik il-persuna.";

(e) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali, u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat —

(a) meta tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali —

(i) meta r-reat ikun il-bejgħ jew traffikar ta' mediċina msemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew ikun reat taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1C) jew (1D) jew (1E), priġunerija għall-għomor:

Iżda:

(aa) meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa; jew

(bb) meta l-verdett tal-ġuri ma jkunx unanimu,

f'każijiet bħal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija; u

(ii) għal kull reat ieħor priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn għaxart elef lira Maltija; jew

(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) —

(i) meta r-reat ikun il-bejgħ jew traffikar ta' mediċina msemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew ikun reat

taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1C) jew (1D) jew (1E), priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija; u

(ii) għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn elf lira Maltija jew dik il-priġunerija u multa flimkien,

u f'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett ħekk ikkonfiskat għandu, jekk il-qorti ħekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, meta l-persuna akkużata ma tkunx għalqet l-età ta' sittax-il sena u kemm-il darba ma tkunx akkużata flimkien ma' persuna oħra li tkun għalqet l-età ta' sittax-il sena, kull riferenza għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew għall-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Qorti tal-Minorenni:

Iżda wkoll, meta persuna tinsab ħatja kif provdut fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, il-piena tiżdied bi grad.";

(f) fis-subartikolu (2A) tiegħu, minflok il-kliem "dwar xi mediċina bħal dik," għandhom jidħlu l-kliem "dwar xi mediċina bħal dik, jew dwar ir-reat ta' pussess ta' mediċina, kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew dwar reati msemmija fis-subartikolu (1C) jew (1D),";

(ġ) minflok is-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Meta jirriżulta lill-qorti li l-ħati, li ma jkunx persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), ikun jinħtieġ kura u għajnuna għar-riabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza fuq xi mediċina msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza l-qorti tista', minflok ma tapplika xi waħda mill-pieni provduti fis-subartikoli ta' qabel dan, tqiegħed lill-ħati fuq *probation* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, ħekk iżda li dak l-ordni ta' *probation* jista' jsir minkejja li l-ħati, li jkun għalaq l-età ta' erbatax-il sena, ma jkunx wera r-rieda tiegħu li jħares il-ħtiġiet ta' l-ordni kif provdut fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 5 ta' dak l-Att."; u

Kap. 152.

(h) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(7) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2).

(8) Meta, fil-każ ta' persuna misjuba ħatja ta' reat imsemmi fis-subartikolu (7), il-qorti tkun sodisfatta li dik il-persuna tkun tinħtieġ kura għar-riabilitazzjoni tagħha mid-dipendenza fuq xi mediċina msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (10) sa (14) ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom ikunu applikabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu daqskieku dik il-persuna kienet persuna misjuba ħatja ta' reat imsemmi fis-subartikolu (10) ta' l-imsemmi artikolu 22.".

Żieda ta' l-artikoli ġodda 120B, 120C, 120D, 120E u 120F mal-liġi principali.

5. Minnufih wara l-artikolu 120A tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Tifsir tal-kelmiet "liġi korrispondenti".

120B. Għall-finijiet ta' l-artikoli 120A u 121C il-kelmiet "liġi korrispondenti" għandhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom bl-artikolu 23 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 23 għandhom japplikaw għalihom.

Kap. 101.

Setgħat addizzjonali ta' investigazzjoni.

120C. (1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata"):

(a) tkun ħatja ta' bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew

(b) tkun ħatja ta' xi reat imsemmi fil-paragrafi (e) jew (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120A, jew

(ċ) tkun ħatja ta' reat imsemmi fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120A b'riferenza għal xi reat imsemmi fil-paragrafi ta' qabel dan ta' dan is-subartikolu, jew

(d) tkun ħatja ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1D) ta' l-artikolu 120A,

l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru jew għat-tnejn u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dik it-talba u għall-persuna suspettata u għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ta' sekwestru magħmul mill-Qorti bħala riżultat ta' dik it-talba.

Kap. 101.

(2) Il-kliem "ordni ta' investigazzjoni" fis-subartikoli (2) u (5) ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' investigazzjoni magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Il-kliem "ordni ta' sekwestru" fis-subartikolu (6A) ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' sekwestru magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Setgħat ta' investigazzjoni dwar reati fil-kompetenza ta' Qrati barra minn Malta.

120D. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta sabiex isiru investigazzjonijiet f'Malta dwar persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata") suspettata minn dik l-awtorità b'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati

msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120C l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru jew għat-tnejn u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dik it-talba u għall-persuna suspettata u għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ta' sekwestru magħmul mill-Qorti bħala riżultat ta' dik it-talba.

Kap. 101.

(2) Il-kliem "ordni ta' investigazzjoni" fis-subartikoli (2) u (5) ta' l-istess artikolu 24A għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' investigazzjoni magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Il-kliem "ordni ta' sekwestru" fis-subartikolu (6A) ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' sekwestru magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Iffriżar ta' proprjetà ta' persuna akkużata b'reati fil-kompetenza ta' Qrati barra minn Malta.

120E. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta għall-qbid temporanju ta' kull jew xi flejjes jew proprjetà, mobbli jew immobbli, ta' persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "l-akkużat") imputata jew akkużata fi proċedimenti quddiem il-qrati ta' dak il-post b'reat li jkun jikkonsisti f'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120C, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' iffriżar") li jkollu l-istess effett bħal ordni kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż u d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 22A għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, japplikaw *mutatis mutandis* għal dak l-ordni.

Kap. 101.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (5) ta' l-artikolu 24C ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom ikunu applikabbli għal ordni magħmul taħt dan l-artikolu daqskieku kien ordni magħmul taħt l-imsemmi artikolu 24C.

(3) L-artikolu 22B ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandu wkoll japplika għal kull persuna li taġixxi bi ksur ta' ordni ta' iffriżar taħt dan l-artikolu.

Esekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska maghmulin minn Qrati barra minn Malta wara kundanna ghal reati fil-kompetenza ta' dawk il-Qrati.

120F. (1) Ordni ta' konfiska maghmul minn qorti barra minn Malta li jkun jipprovdi jew jidher li jkun jipprovdi ghall-konfiska jew telfien ta' rikavat mill-ghemil ta' reat rilevanti jista' jigi esegwit f'Malta skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (11) ta' l-artikolu 24D ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi.

Kap. 101.

(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, izda bla hsara ghad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), "ordni ta' konfiska" u "rikavat" ghandhom l-istess tifsiriet moghtija lilhom bis-subartikolu (12) ta' l-artikolu 24D ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi liema tifsiriet ghandhom jiftiehmu skond it-tifsira moghtija lil "proprjetà" bl-istess subartikolu (12) u skond it-tifsira moghtija lil "reat rilevanti" fis-subartikolu (3).

(3) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, "reat rilevanti" tfisser kull reat li jkun jikkonsisti f'xi att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gzejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120C.".

Żieda ta' l-artikoli ġodda 121A, 121B, 121C, 121D u 121E mal-liġi prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 121 tal-liġi prinċipali ghandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"L-obbligu tal-prova.

121A. (1) F'kull proċediment kontra persuna ghal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha.

(2) Meta r-reat li bih persuna tkun akkużata jkun dak ta' pussess ta', jew bejgh jew traffikar ta', mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkużat ma jkunx jista' jiddefendi ruhu billi jipprova illi huwa ħaseb li kellu fil-pussess tiegħu, jew li kien qed ibiegh jew jittraffika, xi ħaġa li ma kenitx il-mediċina msemmija fl-akkuża jekk il-pussess ta', jew il-bejgh jew traffikar ta', dik il-ħaġa oħra kien ikun, fiċ-ċirkostanzi, bi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra.

Dikjarazzjoni tista' tingieb bhala prova.

121B. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xieħda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti

tista' tingieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'weġħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Konsenja u xiri kontrollati.

121C. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 30B ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal konsenja kontrollata ta' kull mediċina mniżżla fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza bil-għan li jiġu identifikati persuni involuti fl-għemil ta' reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun issehħ fit-territorju ta' pajjiż ieħor u l-istess dispożizzjonijiet għandhom ukoll japplikaw *mutatis mutandis* għall-akkwist jew prokurar ta' xi mediċina bħal dik mill-Pulizija Eżekuttiva.

Persuni trasferiti għal Malta mill-esteru sabiex jixhdu jew jgħinu f'investigazzjoni eċċ.

121D. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 30C ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži għandom japplikaw *mutatis mutandis* għal xhud, espert jew persuna oħra f'pajjiż barrani li jaqblu, dwar reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, li jixhdu jew li jgħinu kif provdut f'dak l-artikolu wara talba għal assistenza kif ukoll provdut fl-istess artikolu.

Kooperazzjoni fit-trażżin ta' reati rilevanti fuq il-baħar.

121E. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta (hawnhekk iżjed il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "l-awtorità li tagħmel it-talba") għal awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-post jieħdu l-miżuri xierqa dwar biċċa tal-baħar rilevanti raġonevolment suspettata li tkun qed twettaq reat rilevanti l-Avukat Ġenerali jista', bil-qbil tal-Prim Ministru, jawtorizza t-teħid ta' l-imsemmija miżuri mill-awtoritajiet kompetenti hawn qabel imsemmija suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu miftiehma bejn l-awtorità li tagħmel it-talba u l-Avukat Ġenerali, bil-qbil tal-Prim Ministru.

(2) Meta tkun ingħatat awtorizzazzjoni mill-Avukat Ġenerali kif imsemmi qabel l-awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subartikolu (1), suġġett għall-kondizzjonijiet li jistgħu ikunu ġew miftiehma kif provdut fis-subartikolu preċedenti, ikunu awtorizzati li jieħdu l-miżuri xierqa u li jeżerċitaw abbord il-biċċa tal-baħar li dwarha jkunu ġew awtorizzati l-miżuri xierqa taħt dan l-artikolu dawk is-setgħat kollha ta' arrest, dħul, perkwiżizzjoni u qbid li huma mogħtija lill-pulizija eżekuttiva ta' Malta.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"bićća tal-baħar rilevanti" tfisser bastiment jew kull inġenji oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma ta' kull deskrizzjoni, inklużi *hovercrafts* u inġenji sommerġibbli, li jtajru l-bandiera Maltija jew juru l-marki ta' reġistrazzjoni ta' Malta waqt li jkunu jeżerċitaw il-libertà ta' navigazzjoni skond id-dritt internazzjonali;

"miżuri xierqa" dwar bićća tal-baħar tinkludi t-tlugħ abbord u l-perkwiżizzjoni fuq dik il-bićća tal-baħar kif ukoll kull azzjoni xierqa oħra dwar il-bićća tal-baħar, persuni u tagħbija abbord dik il-bićća tal-baħar jekk tinsab prova li dik il-bićća tal-baħar tkun involuta f'reat rilevanti; u

"reat rilevanti" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 120F.".

Emenda tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

7. Fl-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali minflok il-kliem "dik il-multa u priġunerija flimkien." għandhom jidħlu l-kliem "dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, tkun difiża li turi li l-kxif ikun sar lil awtorità pubblika kompetenti f'Malta jew barra minn Malta li tkun qed tinvestiga xi att jew ommissjoni li jkun sar Malta u jkun jikkostitwixxi, jew jekk ikun sar barra minn Malta f'ċirkostanzi korrispondenti kien jikkostitwixxi:

(a) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikoluż; jew

Kap. 101.

(b) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew

Kap. 31.

Att XIX ta' l-1994.

(ċ) xi reat ta' *money laundering* kif imfisser fl-Att ta' l-1994 kontra *Money Laundering:*

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal persuna li tkun membru tal-professjoni legali jew tal-professjoni medika.".

Emenda għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101.

8. L-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (1E) ta' l-artikolu 22 tagħha għandhom jidħlu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1F) Kull persuna li tinżel Malta u jkollha fil-pussess tagħha xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza tkun eżenti minn kull responsabbiltà kriminali jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1G) ta' dan l-artikolu.

(1G) Il-kundizzjonijiet li għalihom jagħmel riferenza s-subartikolu (1F) ta' dan l-artikolu huma dawn li ġejjin:

(a) il-persuna li jkollha l-pussess tal-mediċina ma tkunx ordinarjament residenti f'Malta u tkun ġiet minn xi post barra minn Malta;

(b) ma' l-ewwel opportunità wara li tinżel Malta dik il-persuna tikkonsenja l-mediċina msemmija lil uffiċjal tal-pulizija jew lil uffiċjal tad-dwana u tistqarr li l-istess mediċina kienet għall-użu personali esklussiv tagħha; u

(ċ) il-mediċina msemmija tkun fi kwantità tali u tkun fil-pussess ta' dik il-persuna taħt ċirkostanzi tali li raġonevolment iwasslu għall-inferenza li l-istess mediċina kienet destinata għall-użu personali esklussiv ta' dik il-persuna.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 24B tagħha għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-kliem "ordni ta' sekwestru" fis-subartikolu (6A) ta' l-istess artikolu 24A għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' sekwestru magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.";

(ċ) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 30B tagħha, minflok il-kliem "Il-Pulizija Esekuttiva tista'," għandhom jidħlu l-kliem "Il-Pulizija Esekuttiva jew xi persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Esekuttiva tista'," ; u

(d) minnufih wara l-artikolu 33 tagħha għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Emenda ta' l-Iskedi.

34. Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' b'regolamenti jemenda kull waħda mill-Iskedi li jinsabu ma' din l-Ordinanza.".

Emenda ta' l-Att ta' l-1994 kontra *Money Laundering*. Att XIX ta' l-1994.

9. Minnufih wara l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1994 kontra *Money Laundering*, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Setgħat ta' investigazzjoni dwar reati fil-kompetenza ta' Qrati barra minn Malta.

8A. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' post barra minn Malta sabiex isiru investigazzjonijiet f'Malta dwar persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata") suspettata minn dik l-awtorità b'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu reat taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru jew għat-

Kap. 101.

tnejn u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dik it-talba u għall-persuna suspettata u għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ta' sekwestru magħmul mill-Qorti bħala riżultat ta' dik it-talba.

(2) . Il-kliem "ordni ta' investigazzjoni" fis-subartikoli (2) u (5) ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' investigazzjoni magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Il-kliem "ordni ta' sekwestru" fis-subartikolu (6A) ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' sekwestru magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Iffriżar ta' proprjetà ta' persuna akkużata b'reati fil-kompetenza ta' Qrati barra minn Malta.

8B. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta għall-qbid temporanju ta' kull jew xi flejjes jew proprjetà, mobbli jew immobbli, ta' persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "l-akkużat") imputata jew akkużata fi proċedimenti quddiem il-qrati ta' dak il-post b'reat li jkun jikkonsisti f'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu reat taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "ordni ta' iffriżar") li jkollu l-istess effett bħal ordni kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza dwar il-

Kap. 101.

Mediċini Perikoluż u d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 22A għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, japplikaw *mutatis mutandis* għal dak l-ordni.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (5) ta' l-artikolu 24C ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandhom ikunu applikabbli għal ordni magħmul taħt dan l-artikolu daqslikieku kien ordni magħmul taħt l-imsemmi artikolu 24C.

(3) L-artikolu 22B ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandu jkun ukoll japplika għal kull persuna li taġixxi bi ksur ta' ordni ta' iffriżar taħt dan l-artikolu.

Eseku zzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska magħmulin minn Qrati barra minn Malta wara kundanna għal reati fil-kompetenza ta' dawk il-Qrati.

Kap. 101.

8C. (1) Ordni ta' konfiska magħmul minn qorti barra minn Malta li jkun jipprovdi jew jidher li jkun jipprovdi għall-konfiska jew it-telfien ta' xi proprjetà ta', jew fil-pussess, jew taħt il-kontroll ta' persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti jista' jiġi esegwit f'Malta skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (11) ta' l-artikolu 24D ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "ordni ta' konfiska" tinkludi kull sentenza, deċiżjoni, dikjarazzjoni, jew ordni ieħor magħmulin minn qorti sew ta' ġurisdizzjoni kriminali sew ċivili li jkunu jipprovdu jew jiftiehmu bħala li jipprovdu dwar il-konfiska jew it-teħid ta' xi proprjetà bħalma hemm speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "reat rilevanti" tfisser kull reat li jkun jikkonsisti f'xi att li jekk isir f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikun jikkostitwixxi r-reat imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 178 tat-28 ta' Jannar, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati